# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgħa 25 ta' Novembru 2016**

**Numru: 16**

**Rikors Numru: 10/16**

**Leonard u Mary Doris konjugi Attard**

**v.**

**(1) L-Awtorita` għat-Trasport f'Malta**
**(2) Il-Kummissarju tal-Artijiet**

Dan hu provvediment wara talba tal-Awtorita` għat-Trasport f'Malta għar-revoka *contrario imperio* ta' digriet mogħti minn din il-Qorti fit-12 ta' Jannar, 2016, li bih appell tagħha fil-kawża premessa ġie dikjarat deżert peress li ma tħallsitx il-kawtela relattiva. L-Awtorita` rikorrenti qed tissottometti illi, fit-termini tal-Artikolu 249(4) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Civili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) hi kienet eżenta milli tipproduċi l-kawtela li trid il-liġi f'każ ta' appell. Il-partijiet l-oħra fil-kawża jopponu din it-talba għax iqisu li l-Awtorita`

rikorrenti ma hijiex waħda minn dawk l-entitajiet eżenti milli jagħmlu l-kawtela skont l-imsemmi artikolu.

Ikkonsidrat:

Illi din il-Qorti tinnota li l-Artikolu 249(4) tal-imsemmi Kap. 12, jeżenta mill-ħlas ta' kawtela *interalia* lill-Gvern ta' Malta u korporazzjonijiet pubbliċi; ma tissemmiex awtorita` pubblika. Bħala prinċipju, ir-regola ġenerali hi li, ħlief f'każijiet speċifikati mil-liġi, kull min jintavola appell irid, qabel l-ewwel appuntament tas-smiegħ, jiddepożita biżżejjed flus fir-reġistru tal-Qorti biex jagħmel tajjeb għall-ispejjeż tar-reġistru u tal-parti l-oħra marbuta mal-appell. Kull eċċezzjoni għal din ir-regola trid tkun espressa u ċara u toħroġ mil-liġi. F'dan il-każ, kif ingħad, il-liġi ma teżentax lil awtorita` milli tagħmel dan id-depożitu, pero`, l-istess Awtorita` rikorrenti tissottometti li hi għandha l-istess tifsira bħal korporazzjoni, u kwindi hi "inkorporata" b'anoloġija fl-Artikolu 249(4) imsemmi.

Din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-Awtorita` rikorrenti. Fis-sistema guridiku Malti jeżistu kemm korporazzjonijiet pubbliċi, kif ukoll awtoritajiet pubbliċi, u darba l-gvern ħoloq iż-żewg entitajiet, b'mod distint, ma jistax jingħad li t-tnejn huma l-istess. It-tnejn, veru, għandhom personalita` ġuridika independenti mill-membri tagħha, pero`,

ma humiex l-istess, u hemm liġijiet differenti li jirregolaw iż-żewġ entitajiet.

Il-Leġislatur jaf bid-differenza għax għal skopijiet ħoloq korporazzjoni u għall-oħrajn ħoloq awtorita\`. Fil-fatt, korporazzjoni pubblika hija definita fl-Oregon Legal Glossary bhala "*an entity that is created by the state to carry out public missions and services. In order to carry out these public missions and services, a public corporation participates in activities or provides services that are also provided by private enterprise*". Hija, għalhekk, entita\` governattiva li timmansjona ruħha f'attivitajiet mhux proprjament marbuta mal-funzjoni tradizzjonali ta' gvern, iżda aktar bħala entita\` ta' negozju. Fil-fatt, fit-teżi li fl-2003 ipprepara Dr. Neville Young bħala parti mill-istudju tiegħu qabel ma jigradwa ta' avukat ("The Public Corporation in the Maltese Experience – a case study in the WSC), huwa jfisser korporazzjoni bħala li twieldu fil-kuntest ta' "*public ownership, public accountability and business management for public ends*". Korporazzjoni tinħoloq bħala "indħil" mill-gvern f'settur li jista' jkun hemm parteċipazzjoni tal-privat, u bi skop li f'dak is-settur ikun hemm ċerta kontroll f'interess tal-poplu (bħal per eżempju, Gozo Channel Co. Ltd., Malta Investment Management Co. Ltd., Maltapost plc., u Sea Malta co. Ltd).

Awtorita` pubblika, minn naħa l-oħra, hija mezz kif ċerti funzjonijiet governattivi jiġu, bħal speċi "*farmed out*" għall-aħjar amministrazzjoni ta' dik il-materja.

Fil-fatt, awtorita` pubblika hija imfissra fil-Wiktionary bħala "*any authority which has a legal mandate to govern, administer a part or aspect of public life*" li allura, ma tehodniex lill hinn mill-involviment tal-awtorita` f'setturi li huma normalment funzjoni tal-gvern. L-Awtorita` rikorrenti inħolqot "*to administer*" aspett tal-ħajja pubblika, mhux biex tiggverna u lanqas bħala "*a business entity*". Awtorita` pubblika ma għandhiex funzjoni governattiva (bħal ma għandu kunsill lokali fil-limiti tal-liġi u l-lokal tagħha), u lanqas ma hi korporazzjoni pubblika, li għandha tifsira legali u prattika differenti.

Tant il-Legislatur jirrikonoxxi d-differenza, li mhux biss holoq, b'mod separat u distint, iż-żewġ entitajiet, iżda fl-istess Kap. 12 imsemmi, meta jitkellem fuq ħlasijiet li jridu jsiru mal-ftuħ ta' kawżi, f'Tariffa A, klawsola 4(1)(a), jirreferi, b'mod espress, għall-kawżi "*mibdija mill-gvern, jew minn awtorita` jew korporazzjoni pubblika*". Dan juri li l-Legislatur stess jagħmel distinzjoni bejn awtorita` u korporazzjoni pubblika, u jqis li wahda ma tinkludix lill-oħra.

Hu veru li fil-kawża "**Zarb Coaches Ltd. v. Awtorita` għat-Trasport f'Malta**" deċiża minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fl-4 ta' Ottubru 2013, intqal li l-Awtorita` "*għandha l-istatus ta' korporazzjoni pubblika*", iżda dik

il-kawża ma kenitx tippernja fuq it-tifsira ta' awtorita`, iżda fuq min minn żewġ awtoritajiet kien responsabbli għall-manutenzjoni tat-triq, jekk hux l-awtorita` konvenuta jew il-Ministeru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali. Inoltre, dik l-istqarrija saret mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u ma ġietx repetuta mill-Qorti tal-appell.

Din il-Qorti kwindi, tara li, fid-dawl tal-prinċipju li kull eċċezzjoni għal regola ġenerali trid tingħata interpretazzjoni litterali u limitata, ma tarax li l-Awtorita` rikorrenti setgħet tgawdi mill-eżenzjoni kontemplata fl-Artikolu 249(4) tal-Kap. 12. Din il-Qorti trid tissenjala wkoll li l-awtorita` rikorrenti la għamlet nota fl-atti tal-kawża biex tissenjala dan il-punt meta hija irċeviet mingħand ir-reġistratur it-talba għall-ħlas ta' kawtela, u lanqas ma tela' rappreżentant għall-udjenza tat-12 ta' Jannar, 2016, quddiem din il-Qorti sabiex jissolleva tali pretensjoni.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tgħaddi biex tiċħad it-talba tal-Awtorita` tat-Trasport f'Malta kif kontenuta fit-talba tagħha tad-19 ta' Jannar 2016.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef | Joseph Azzopardi<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df